MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 808/2006/1

**Maurice Sammut**

**vs**

**Matthew Bajada noe**

**Il-Qorti**

**Rat** li it-Tribunal ghal Talbiet Zghar fit-13 ta' Lulju, 2011 ippronunzja s-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi :-

"It-Tribunal,

*Ra l-Avviz tal-attur fejn ippremetta illi kien xtara magna tal-bahar 4.3 Mercury Power 205 minghand il-konvenut, bil-patt li hija gdida.*

*Meta l-attur mar biex juza' dina l-magna rrizulta li kellha diversi difetti u mankanzi u ma kinietx tajba ghall-uzu li nxtrat.*

*Illi l-attur talab lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas danni ta' elf tlett mija hamsa u tlettin lira Maltin (Lm1335) illum ekwivalenti ghal tlett t'elef, mija u disgha euro u wiehed u sebghin centezmu (€3,109.71), rapprezentanti spejjes li l-attur nefaq fuq din il-magna li ma kienitx tajba.*

*Bl-ispejjez.*

*Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana stante illi:-*

*1. mhuwiex minnu li l-attur xtara magna tal-bahar gdida minghand il-konvenut, izda xtara biss partijiet tal-magna Mercruiser 205HP u cioe' long block, oil pump u gasket set*

*2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-partjiet li nbieghu lill-attur kienu minghajr ebda difett, mankamenti u nuqqasijiet.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ra x-xhieda ta' Martin Cassano, li kien gie inkarigat mill-attur sabiex jara xi hsara kien hemm fuq il-magna li kien akkwista minghand il-konvenut. Irrizulta li kienet daret il-bronzina fuq il-"crank shaft" u b'din il-hsara l-magna ma tahdimx. Ma kienx jaf kif grat dina l-hsara.*

*Zied ighid li l-konvenut kien qal lill-attur biex imur ghandu. Gimgha wara ltaqghu kollha u dan sabiex itih magna gdida, peress li kienet ser tassalu konsenja gdida. Izda qatt ma waslet dina l-magna.*

*Ra x-xhieda ta' Joseph Sammut, hu l-attur li kien irrakkomanda lill-huh sabiex jixtri magna gdida minghand il-konvenut.*

*Kien ghalhekk li huh kien xtara dina l-magna u sostitwiwha ghal-magna antika. Il-konvenut kien zamm hamsa u sittin Lira Maltin (Lm65) u cioe' ekwivalenti ghal mija u wiehed u hamsin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€151.41).*

*L-attur kien mar mal-mekkanik tieghu sabiex jippruvaw dina l-magna u mill-ewwel kellha l-hsara.*

*Il-konvenut kien prezenti meta kienu qalghu l-magna u kien ipprometta lill-attur, li malli jkollu stock, kien ser jaghtih magna gdida.*

*Ra x-xhieda ta' Emanuel Schembri, l-mekkanik tal-attur li kien ilu marine mechanic ghal tlettin sena. Ighid li l-attur kellu "cracked piston" fil-magna tieghu u l-attur kien qallu li kellu l-opportunita' li jixtri magna gdida ghal prezz ta' elf u mitt lira Maltin (Lm1,100) u cioe' ekwivalenti ghal elfejn, hames mija u tnejn u sittin Ewro u wiehed u tlettin centezmu (€2,562.31).*

*Jispjega kif il-konvenut kien biddel jew immodifika l-pompa taz-zejt tal-magna sabiex hu seta' jinstalla il-magna, kif ukoll kien identifika minn fejn kien jinzel iz-zejt u dan peress li l-pompa li kellu ma kienitx tiffitja mal-magna tal-attur.*

*Wara li meta qalghu l-magna, indunaw li kien hemm "water leak" izda din isewwiet ukoll. Kien waqt li kien imsiefer fuq xoghol, li kien ikkomunika mieghu l-attur u akkuzah li kien xehet xi haga fil-magna. Meta gie lura, kien sab li l-magna kienet inqalghat minn mekkanik iehor u l-"coating" li kien hemm gewwa l-magna kienet qed titqaxxar.*

*Jikkonferma li l-magna kienet tidher gdida ghaliex il-pistons kienu godda, izda mbaghad irrizulta li l-magna kienet wahda reconditioned, fis-sens li l-pistons kienu "undersized" u l-"crackshaft" kien "undersize."*

*Ra x-xhieda ta' Carmel Sammut, hu l-attur, li huwa coring engineer u kien mar biex jigbor il-magna tal-bahar ta' huh, V6 4.3 Mercruiser. Kien induna li dina l-magna ma kellhiex pompa taz-zejt u "crank case."*

*Il-konvenut kien spjegalhu li dawn jigu hekk minhabba l-pakkettar u kien issupplixxa il-pompa u l-crank case, kif ukoll kien tahom zejt tal-magna u l-filters.*

*Meta nqalghet il-hsara, rrizulta li dina l-magna kienet 'rebuilt' ghax meta nqalghet il-hsara fil-crank, sabu li l-bronzini kienu "oversized" u mhux dawk "standard."*

*Ra x-xhieda tal-attur li jispjega li kien xtara magna minghand il-konvenut ghad-dghajsa tieghu V6 cruiser. Kien xtara il-magna ghal prezz ta' elf u erbgha mitt Lira Maltin (Lm1,400) u cioe' ekwivalenti ghal tlett t'elef, mitejn u wiehed u sittin Ewro u tnax-il centezmu (€3,261.12) u l-konvenut kien qallu li kienet gdida. Kien insista li ried il-magna gdida u mhux reconditioned.*

*Kienu ftehmu li jaghti lill-konvenut il-magna li kellu u jhallas disa' mija u tlettin lira Maltin (Lm930) u cioe' ekwivalenti ghal elfejn, mija u sitta u sittin Ewro tnejn u tletin centezmu (€2,166.32) u kien xtara xi zejt u b'hekk hallas xi elf lira Maltin (Lm1000) u cioe' ekwivalenti ghal mitejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37). Meta xtara ma kienx hemm kuntratt.*

*Li kien xtara kienet "half engine," cioe' "long block" gasket set u poma taz-zejt. Imbaghad, in kontradizzjoni, jghid ukoll li ma kienx xtara "long block" li xtara kienet magna bil-pistons, crank u cylinder head.*

*Ighid ukoll li kien xtara risers u manifolds hu personalment.*

*Bl-ghajnuna ta' mekkanik kellhom jarmaw il-magna u meta hareg biha l-ewwel darba mill-Imsida, id-dghajsa waqqfet meta kien wasal hdejn il-lukanda Excelsior.*

*Irnexxielu jidhol lura b'magna l-ohra u mbaghad cempel lill-konvenut u l-mekkanik tieghu Martin Cassano u sabu li kien hemm bronzina mdawwra u dan meta fethu l-crank case. Lanqas ma kien sab pompa taz-zejt.*

*Il-konvenut kien wieghdu li kien ser jaghtih magna gdida mill-konsenja li kellu tasallu fil-21 ta' Gunju, 2011, pero' qatt ma tah magna gdida, izda kien wahhal fl-attur li kien waddab xi frak jew hgieg fil-crank case izda dan ma kienx minnu u dan aktar minn hekk ghaliex il-kaxxa kienet maghluqa u kienet biss miftuha fejn kellha titpogga l-pompa.*

*L-attur ried ta' l-anqas mitejn lira Maltin u cioe' ekwivalenti ghal erba' mija u hamsa u sittin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) ghall-hlas tal-cranks u l-bronzini, izda peress li ma wasslux, kellu jiehu parir minghand avukat. Li jixtieq hu li jithallas ghal magna gdida li kellu jixtri u dina giet tiswa' elf lira Maltin (Lm1000) u cioe' ekwivalenti ghal mitejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).*

*Ra x-xhieda tal-konvenut, li jispjega kif l-attur kien mar ma' huh u xtara minghandu magna Mercruiser 4.3 litres. L-attur kien mar ghandu ukoll mal-mekkanik tieghu biex jixtri parts biex isewwi l-magna li kellu, peress li beda jilmenta li kien qed jidhollu l-ilma.*

*Il-parts li kien akkwista kien "short block," pompa taz-zejt u gasket, biex ighalqu l-magna. Il-prezz kien ta' disa' mija u hamsin lira Maltin (Lm950) u cioe' ekwivalenti ghal elfejn, mitejn u tnax-il Ewro u disghin centezmu (€2,212.90).*

*Ighid li kien qal lill-attur li l-magna li kien ser jixtri kienet short block, u cioe' reconditioned u b'hekk kienet tigi tiswa' seba' mija u tmenin lira Maltin (Lm780) u cioe ekwivalenti ghal elf, tmien mija u sittax-il Ewro u wiehed u disghin centezmu (€1,816.19) u li kieku xtara magna gdida kienet tigi tiswa' x sitt mitt lira Maltin (Lm600) u cioe' ekwivalenti ghal elf, tlet mija u sebgha u disghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€1,397.62) jew short block bi*

*prezz ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) u cioe' ekwivalenti ghal erba' t'elef u tmienja u hamsin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€4,658.75).*

*Kien insista maghhom li wara li tigi nstallata l-magna u jaghmlu l-ewwel trial, kellu jkun prezenti, izda m'ghamlux kuntatt mieghu u kien biss  wara, li kkomunika mieghu l-attur biex jilmenta li l-magna kellha l-hsara.*

*Kien ispezzjona din il-magna ma' Tony Dalli, li huwa surveyor mal-Malta Maritime Authority u rrizultalu li l-magna kienet garbet il-hsara minhabba traskuragni tal-mekkanik li kien istallaha. Irrizulta li kien hemm frak tal-hadid flimkien mal-frak tas-silicone fil-pompa taz-zejt.*

*Ighid li l-attur kien hadu bl-herra u ma riedx li jsewwilhom l-hsara li kienet tammonta ghal hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) u cioe' ekwivalenti ghal mija u erbgha u sebghin Ewro u sebghin centezmu (€174.70) u minflok talbu magna gdida. Ma setax ighatihom magna gdida, peress li effettivament qatt ma kien bieghilhom magna gdida, izda short block.*

*Illi dan it-Tribunal innomina lill-Perit Tekniku Joseph Zammit  sabiex jezamina l-magna mertu tal-kawza u jirrelata dwar hsarat li seta' kellha l-magna, li pprezenta r-rapport tieghu.*

*Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.*

*Ra r-rapport tal-Perit Tekniku Joseph Zammit.*

*Ikkunsidra*

*L-attur qed jitlob li jigi rizarcit ghad-danni, ghaliex il-konvenut kien wieghdu li l-magna li kien xtara minghandu kienet wahda gdida, izda rrizultalu li ma kenitx gdida u inoltre kellha hafna difetti u nuqqasijiet li kkagunalu hsara fil-magna.*

*Il-konvenut jinsisti li kien avza' lill-attur li l-magna kienet reconditioned, izda l-attur jinsisti li dan ma kienx minnu.*

*Minhabba dawn il-verzjonijiet kontrastanti, gie nominat Perit Tekniku Joseph Zammit li stabilixxa li l-magna Mercruiser V6 kienet reconditioned short block u cioe' ma kienitx wahda gdida.*

*Il-konvenut, fir-risposta tieghu ddeskriviha bhala "long block," izda mbaghad jiddentifikaha bhala "short block" u ghalhekk lanqas huwa konsistenti fid-deposizzjoni tieghu.*

*Tant hu hekk, li l-attur jinsisti li kien talab lill-konvenut li ried magna gdida, meta nqalghu dawn il-hsarat u kien wieghdu li kien ser igiblu wahda, izda dan qatt ma sehh. Il-konvenut da parti tieghu jinsisti li ma kienx f'posizzjoni li jgiblu wahda gdida, meta l-attur qatt ma akkwista magna gdida. Izda l-verzjoni tieghu, hija kontradetta mix-xhieda ta' Martin Cassano u minn Joseph Sammut.*

*Dan it-Tribunal huwa aktar konvint, li dina l-magna ma kienitx wahda gdida, ghaliex fl-istes kliem tal-Perit Tekniku "…dina l-magna nstabet rebored u bil-crank shaft kollu skimjat u bir-rebore ta' 30 oversize u bil-crankshaft maqtugh ghal bearings bhala .5 u main bearings bhala undersize."*

*Illi, ghalhekk filwaqt li l-attur ikkonvinca lil dan it-Tribunal li l-ftehim kien dwar bejgh ta' magna gdida, l-konvenut ma rnexxielux jikkonvinci lil dan it-Tribunal li l-ftehim kien li jbiegh lill-attur wahda reconditioned u mhux wahda gdida..*

*Il-konvenut eccepixxa illi l-attur kien xtara minghandu mhux biss il-magna, izda pompa taz-zejt u gasket set u li dawn ma kellhom l-ebda difetti u mankamenti jew xi nuqqasijiet.*

*Minn ezami li ghamel il-Perit Tekniku sabiex jistabilixxi xi hsara kellha dina l-magna, kkonkluda illi, apparti li l-magna kienet wahda reconditioned, il-hsara li kien hemm fil-crank shaft giet ikkagunata minn "nuqqas ta' pressa jew cirkolazzjoni ta' lubrifikant (zejt)."*

*Il-Perit Tekniku, jkompli jispjega li l-hsara kienet rizultat "ta' modifikazzjoni u ffittjar tal-pompa taz-zejt, li hekk kif*

*hadmet ghal ftit mumenti wara li dina giet installata fuq id-dghajsa mill-ewwel garbet il-hsara."*

*Fil-fatt, l-attur jispjega kif malli hargu fuq il-bahar wara li biddel il-magna, d-dghajsa waqqfet hdejn l-lukanda Excelsior.*

*Irrizulta li l-hsara kienet fil-crank shaft u skond il-Perit Tekniku, dina l-hsara setghet biss giet ikkagunata b'nuqqas ta' sengha u procedura, li magna bejn li kienet reconditioned u modifikata ma gietx imhaddma barra qabel ma giet uzata l-bahar. L-ostakolu li seta' kien hemm imhallat maz-zejt kien dak li seta' tqatta' mill-istess iggamjar li nstab fuq il-crank shaft u l-bearings tieghu, li l-aktar kien jikkonsisti f'white metal.*

*Fuq din il-konkluzzjoni, il-konvenut kellu l-istess interpretazzjoni, tant hu hekk li fix-xhieda tieghu jghid li l-problemi tal-crank shaft kienu kkagunati minn frak li nstab fil-magna, kif ukoll minhabba li kien insista maghhom li qabel ma johrogu bid-dghajsa, jkunu prezenti, izda l-attur qatt ma nfurmahx biex ikun prezenti.*

*Dan kollu isostni u jsahhah dak li kkonkluda l-Perit Tekniku, li dina l-magna ma kellhiex tintuza fil-bahar qabel ma nhaddmet barra. Pero' minn imkien mill-provi jirrizulta li giet ipprovata barra qabel ma giet installata fuq id-dghajsa. Huwa essenzjali, li meta magna tkun reconditioned u aktar u aktar meta jsiru modifikazzjonijiet, l-aktar fuq il-lubrication system taghha, li l-magna tinhaddem fuq barra biex jigi ttestjat l-pressjoni taz-zejt.*

*Huwa evidenti ghal dan it-Tribunal li l-attur ikkontribwixa ghal dina l-hsara ukoll ghaliex minkejja li l-magna kienet wahda reconditioned, meta kellha tkun gdida, saru diversi modifikazzjonjiet fis-short block li kien akkwista meta armawha, ghaliex effettivament kien xtara l-istruttura tal-magna u l-parts bhala pompa taz-zejt u l-gaskets, li nstalla l-mekkanik tieghu u qatt ma giet ittestjata fuq l-art. L-attur u l-mekkanik li installa l-magna ma hadux konsiderazzjoni tal-fatt li kellhom jippruvaw il-magna qabel ma ddahhlet fil-bahar u dan m'ghamlux u dan per konsegwenza*

*kkontribwixxa ghall-hsara fuq magna li diga' ma kienitx ta' kwalita' tajba, izda kellha n-nuqqasijiet taghha.*

*Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi fl-ewwel lok jiddikjara lill-konvenut responsabbli ghal ksur tal-obbligu kontrattwali li jfornixxi magna gdida lill-attur izda minflok ikkonsenja wahda reconditioned, jiddikjara inoltre li l-istess magna kienet diga' difettuza meta giet konsenjata, jiddikjara li l-attur ikkontribwixxa ghal hsara eventwali li grat kif spjegat fuq, jiddikjara li fil-fehma tieghu bbazata fuq il-konkluzjonijiet peritali, il-partijiet huwa responsabbli ghal-hsara li sofra l-attur fi kwoti ugwali u konsegwentement jilqa' t-talba attrici in parti billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nofs is-sorte u cioe' is-somma ta' sitt mija seba' u sittin Lira maltin u hamsin centezmu (Lm667.50) u cioe' ekwivalenti ghal elf, hames mija u erbgha u hamsin Ewro u sitta u tmenin centezmu (€1,554.86). L-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqassmu bin-nofs.*

**Rat** li l-konvenut Matthew Bajada hassu aggravat b'din is-sentenza u ghalhekk interpona appell minnha quddiem din il-Qorti.

**Rat** ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut appellant fejn gie sottomess:-

L-AVVIZ (Rikors) PROMOTUR

Illi l-appellat inizja proceduri legali kontra l-appellant fejn ippremetta illi huwa kien xtara magna tal-bahar tat-tip 4.3 Mercury Power 205 minghand il-konvenut, bil-patt li hija gdida.

Illi meta l-attur mar biex juza din il-magna rrizulta li kellha diversi difetti u mankanzi u ma kienitx tajba ghall-uzu li nxtrat.

Illi r-rikorrenti ghaldaqstant talab lit-Tribunal, danni ta' elf tliet mija hamsa u tletin lira Maltin (LM 1,335) rapprezentanti spejjez li nefaq fuq din il-magna li ma kenitx tajba, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

IR-RISPOSTA

Illi l-konvenut wiegeb ghat-talbiet attrici billi qal li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur u dana stante illi:

M'huwiex minnu li l-attur xtara magna tal-bahar gdida minghand l-esponent izda xtara biss *parts* tal-magna Mercruiser 205MP u cioe' *long block*, *oil pump* u *gasket set*.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-*parts* li nbieghu lill-attur kienu minghajr ebda difett, mankamenti u nuqqasijiet.

IS-SENTENZA

Illi b'sentenza moghtija fit-13 ta' Lulju 2011 mit-Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar, it-Tribunal iddecieda l-kwistjoni ta' quddiemu billi fl-ewwel lok iddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-ksur ta' l-obbligu kontrattwali li jforni magna gdida lill-attur izda minflok ikkonsenja wahda *reconditioned*; iddikjara inoltre' li l-istess magna kienet diga difettuza meta giet konsenjata, iddikjara li fil-fehma tieghu ibbazata fuq il-konkluzjoni peritali, il-partijiet huma responsabbli ghall-hsara li sofra l-attur fi kwoti ugwali u konsegwentement laqa' t-talba attrici *in parte* billi kkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nofs is-*sorte* reklamat, u cioe' s-somma ta' sitt mija seba' u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (LM 667.50) ekwivalenti ghal elf, hames mija u erbgha u hamsin Ewro u sittin u tmenin centezmu (€1,554.86), bl-ispejjez tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

IL-FATTI

L-appellat biegh u ikkonsenja blokka ta' magna *reconditioned/rebuilt* lill-appellant, u xi *parts* ohra. L-appellat ossia l-mekkanik tieghu ghamlu modifika fil-magna mibjugha li ma saritx skont l-arti u s-sengha, u

lanqas l-installazzjoni li saret mill-mekkanik tal-attur ma saret skont l-arti u s-sengha. B'konsegwenza ta' dan, giet kagunata hsara fil-magna. L-attur fittex lill-konvenut ghal din il-hsara, minkejja li r-responsabilita` ghall-akkadut kien car li kienet taqa' fuq l-attur ossia l-persuna inkarigata minnu biex jaghmillu x-xoghol. It-Tribunal sab tort fuq iz-zewg kontendenti.

Illi l-appellant hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u qed jinterponi dan l-umili appell minnha.

L-AGGRAVJI

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-pern tal-kawza sfortunatament irrivolva sew dwar l-obbligu kuntrattwali bejn il-partijiet, u cioe' l-bejgh ta' numru ta' parts mill-konvenut appellant lill-appellat. L-attur appellat jikkontendi illi huwa xtara magna gdida (*brand new)* filwaqt li l-esponent jikkontendi illi l-ftehim kuntrattwali kien jirrigwarda bejgh ta' tlett parts ta' magna tal-bahar.

Illi fid-decizjoni tieghu, it-Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar ikkunsidra fost ohrajn illi *'Il-konvenut jinsisti li kien avza lill-attur li l-magna kienet reconditioned, izda l-attur jinsisti li dan ma kienx minnu. Minhabba dawn il-verzjonijiet kontrastanti, gie nominat Perit Tekniku Joseph Zammnit li stabilixxa li l-magna Mercruiser V6 kienet reconditioned short block u cioe' ma kienitx wahda gdida. ... ... '*

Illi bid-dovut rigward lejn it-Tribunal, l-ezercizzju uniku li kellu jaghmel it-Tribunal, ma kellux ikun dwar jekk il-magna mertu tal-kawza inbieghitx bhala wahda gdida jew *reconditioned*. Mhux biss ghax il-fatt li l-magna hi wahda *reconditioned* ma kienx kontestat mill-partijiet - **izda aktar minn hekk ghax il-kawzali ta' din il-kawza ma kienitx talba ghal tnaqqis fil-prezz ghaliex l-oggett konsenjat ma kienx tal-kwalita` pattwita, izda t-talba kienet wahda ghall-hlas ta' danni kagunati mill-fatt li l-magna, skont l-attur, ma kienitx tajba ghall-uzu li**

**nxtrat u b'konsegwenza ta' hekk l-attur inkorra spejjez biex sewwiha. Mela allura dak li ried jillimita ghalih it-Tribunal kien li jara jekk il-blokka tal-magna mibjugha kienitx milquta minn difetti jew le, irrispettivament minn jekk kienitx gdida jew le, u jekk verament kienet milquta b'difetti mohbija, x'kien l-ammont tal-ispejjez zborzat mill-attur biex sewwa dawn il-hsarat**, u dan fid-dawl tat-talba attrici kif imfassla**.**

Invece t-Tribunal inhela fuq konkluzjonijiet irrilevanti, fosthom dik li *'Dan it-Tribunal huwa aktar konvint li dina l-magna ma kinitx wahda gdida',* u sab lill-appellant responsabbli ghal fatt li din il-magna kienet wahda *reconditioned* – ghaliex mhux biss ma kellu quddiem l-ebda kontestazzjoni f'dan is-sens, izda lanqas kellu talba quddiemu biex jiddetermina xi haga f'dan is-sens. U ghalhekk ma tantx it-Tribunal kellu f'hiex jitfixkel biex jikkonvinci ruhu meta ma kellux kontestazzjoni dwar dan il-punt! Pero` bid-dovut rigward lejn it-Tribunal, din l-enfasi li ghamel it-Tribunal dwar dan il-punt pacifiku bejn il-partijiet, turi li t-Tribunal ftit li xejn fehem x'kien qed jigi dibattut u kontestat quddiemu f'din il-kawza, lanqas mill-aspett purament legali.

Sfortunatament anke` l-partijiet sa certu punt komplew jintilfu f'din it-triq zbaljata, u enfasizzaw il-punt jekk il-ftehim kienx wiehed dwar bejgh ta' magna *reconditioned* jew gdida. L-appellat mhux behsiebu jaghmel l-istess f'dan l-istadju tal-appell, u ser jillimita ruhhu biss ghal dak li hu rilevanti u pertinent ghal dan l-appell – filwaqt li jkompli jsostni u jishaq bil-qawwa izda li l-ftehim li kellu mal-attur kien li jbieghhlu magna *rebuilt.*

Il-kwistjoni kollha ghalhekk tirrivolvi dwar ir-responsabilita` ghall-hsarat kagunati fil-magna mertu tal-kawza. Jirrizulta illi l-parts kollha li gew mibjugha mill-appellant kienu f'kundizzjoni tajba. Ir-rapport tal-Perit Tekniku Joseph Zammit ma jhalli l-ebda dubju dwar dan. Il-hsara kawzata kienet biss tort u htija tal-attur, bl-ewwel raguni tkun li l-appellant ma mexiex skont ma qallu biex jaghmel l-appellant qabel ma ghamel l-ewwel *trial* tal-magna.

Illi mill-*invoice* li giet esebita quddiem it-Tribunal u li tinsab a fol 49 tal-process jirrizulta illi l-apellant biegh tlett *parts* lill-attur. Illi skont il-Perit Tekniku Joseph Zammit inkarigat mit-Tribunal, il-parts li xtara l-appellat **kienu f'kundizzjoni tajba u funzjonabbli** – *'a fol 100 – L-esponent sabha ghada armata bis-cylinder head u zarmahom fejn jinsabu is-sitt pistons f'kundizzjoni godda ghadhom ukoll ileqqu ... l-oil pump tinsab f'kundizzjoni gdida u funzjonabbli peress li l-esponent ittestjaha b'sistema likwidu aktar irqiq. Minn barra ghall-hsara li tinsab fuq il-crank shaft u l-bearings kollha tieghu, il-magna in generali tinsab f'kundizzjoni sewwa li wkoll tindika li fuqha sar general overhaul ghalkemm din mhiex standard mill-welding li jinsab mal-intersection pipe ta' mall-fileter strainer u dan seta' min iffitja il-pompa kien hemm xi proplemi peress li dan il-pipe gie wweldjat....*

*Din il-pompa l-esponent ittestjaha b'likwidu irqaq miz-zewjt fejn din instabet tahdem sewwa. Din instabet f'kundizzjoni daqs dik ta' gdida u meta l-esponent fetahha u zarmaha ma sab l-ebda ostakoli go fiha, anzi sabha nadifa bl-istrainer taghha b'kollox.*

*L-esponent zarma minn posthom iz-zewg cylinder heads fejn setghu jinkixfu l-bores tal-magna u l-pistons fejn dawn il-pistons instabu f'kundizzjoni godda minghajr ebda carbon jew hruq, anzi diversi pistons minnhom instabu ghadhom ileqqu (kundizzjoni gdida).'*

Illi ghalhekk it-Tribunal ghal Talbiet Zghar huwa zbaljat meta ikkonkluda illi *'l-istess magna kienet diga' difettuza meta giet konsenjata'* – konkluzjoni li imkien ma tirrizulta mir-rapport ta' l-espert tekniku. Illi ghalhekk it-Tribunal ma seta' qatt isib lill-appellant responsabbli ghall-hsarat li sofra l-attur meta l-parts kollha li gew mibjugha minnu kienu f'kundizzjoni tajba u funzjonabbli. Kienet it-traskuragni ta' l-appellat li wasslet biex il-magna sofriet il-hsarat indikati mill-Perit Tekniku minhabba l-fatt illi din il-magna *'ma gietx ipprovata barra qabel ma din giet installata fuq id-dghajsa kif dejjem ikun mehtieg li wara li l-magna tigi reconditioned u aktar u aktar meta fuqha jkunu saru xi modifikazzjonijiet.',* u dan minkejja li l-appellant

wissa lill-appellat diversi drabi sabiex jinfurmah qabel ma jkun se jhaddem il-magna ghall-ewwel darba. Huwa ghalhekk evidenti li l-hsara li garrbet il-magna sehhet tort u htija ta’ l-attur appellat, li kien negligenti meta installa l-magna f’postha. Ukoll huwa naqas milli jibghat ghall-appellant biex johorgu fuq l-ewwel *sea trial*. Haga li kienet rikjesta sa mill-bidu tal-bejgh tal-magna u li baqghet ma saritx u b’rizultat li l-magna garrbet il-hsarat.

Mill-affidavit ta’ Tony Dalli, Marine Surveyor (Dokument LA 1) li jinsab a fol 62 tal-process, jirrizulta illi meta huwa spezzjona l-magna li kienet garbet hsarat, irrizulta illi *‘It was noticed that there were small pieces of hard objects in the crankshaft oil galley area. This material was not engine metal, but most likely small pieces of silicon (gasket sealer).*

Dan kollu gie konfermat mill-espert tekniku li kkonkluda li l-hsara kienet rizultat ***<u>“ta’ modifikazzjoni u ffittjar tal-pompa taz-zejt</u>****, li hekk kif hadmet ghal ftit mumenti wara li dina giet installata fuq id-dghajsa, mill-ewwel garbet il-hsara.”* Id-domanda hi din – min ghamel il-modifikazzjoni u ffittjar tal-pompa taz-zejt? L-attur ossia l-mekkanik tieghu. Dan hu inkontestat. U allura ghala t-Tribunal adossa responsabilita` fuq il-konvenut, u kkonkluda li l-magna kienet difettuza meta l-espert tekniku qed jikkonkludi l-oppost, u cioe` li l-hsara grat ghax il-magna kienet nieqsa mill-lubrifikazzjoni. Ghandu jinghad, ghaliex hu evidenti li dan ma fehmux it-Tribunal, li anke` <u>magna gdida fjamanta hierga mill-fabbrika tinqered wara ftit sekondi tahdem minghajr zejt</u>, u ghalhekk il-fatt li l-magna mertu tal-kawza zviluppat hsara immedjata ghaliex hadmet bla zejt ma kellux ikun prova ta’ difett pre-ezistenti fil-magna, anzi. Mela allura meta t-Tribunal kellu quddiemu prova cara mill-espert tekniku inkarigat minnu stess li l-hsara sehhet b’kagun tal-modifikazzjoni u ffittjar hazin tal-pompa taz-zejt, ghala l-konvenut bata’ l-konsegwenzi, meta hu ma kellu x’jaqsam xejn mal-modifikazzjoni u installazzjoni tal-pompa taz-zejt. Bl-akbar rispett, it-tbaghbis mhux skont l-arti u s-sengha li sar mill-attur fuq il-magna li xtara sewa biex hu irnexxielu jaddossa r-responsabilita` fuq min ma kellu x’jaqsam xejn

ma' dan it-tbaghbis, u l-'hati' – l-mekkanik tal-attur-irnexxielu jfarfar mir-responsabilita` evidenti li kellu ghall-akkadut.

Illi ghalhekk jirrizulta ampjament li l-hsara ma gietx kagunata ghax il-magna kienet difettuza, izda l-hsara giet kagunata, mhux fuq bazi ta' probabilita` izda ta' certezza kwazi assoluta, minhabba traskuragni da parti tal-appellat jew il-mekkanik tieghu, li ma hadux hsieb li jaghmlu modifikazzjoni u ffittjar tal-magna skont l-arti u s-sengha u li jittesjtaw li l-magna kienet qed tircievi l-*lubrication* mehtiega. Il-Perit Tekniku hu kategoriku dwar dan il-punt, u allura x'wassal lit-Tribunal, mhux espert fil-materja, biex jikkonkludi diversament (imbaghad fl-istess nifs it-Tribunal qal li qed jadotta l-konkluzjonijiet peritali!)

Barra minn dan irrizultat traskuragni ohra kbira minn naha tal-appellat meta bicciet tas-*sealer* uzat mill-appellat u l-mekkanik tieghu biex wahhlu l-pompa taz-zejt spiccaw jithalltu maz-zejt, bil-konsegwenzi ghall-magna li sussegwentement sehhew.

L-aghar konkluzjoni li wasal ghaliha t-Tribunal tirrizulta mis-segwenti bran :

"L-attur u l-mekkanik li installa l-magna ma hadux konsiderazzjoni tal-fatt li kellhom jippruvaw il-magna qabel ma ddahhlet fil-bahar, u dan m'ghamlux <u>u dan per konsegwenza kkontribwixxa ghall-hsara fuq magna li diga' ma kienitx ta' kwalita' tajba, izda kellha n-nuqqasijiet taghha</u>."

Bl-akbar rispett lejn it-Tribunal, minn fejn wasal it-Tribunal ghal din il-konkluzjoni gratuwita`, u mhux sorretta minn ebda prova li l-magna gja kellha n-nuqqasijiet taghha? Verament li skont il-ligi t-Tribunal ma hux marbut bil-konkluzjonijiet tal-esperti nominati minnu, sakemm ikollu raguni valida ghala jiddipartixxi minn tali konkluzjonijiet. Izda f'dan il-kaz, meta hu arci-evidenti li t-Tribunal ma jifhem xejn fil-magni tal-bahar, anke` tenut kont tal-konfuzjoni shiha li hemm fit-terminologija teknika uzata fis-sentenza appellata li tindika bic-car li t-Tribunal ma kellux

l-icken hjiel fuq is-suggett, x'wassal lit-Tribunal biex jasal ghal konkluzjoni dijametrikament opposta ghal dik li wasal ghaliha l-Espert Tekniku, li kkonkluda li l-blokka supplita mill-konvenut kienet wahda tajba u bla difett? Din il-konkluzjoni kienet wahda preokkupanti, ghaliex lanqas hu sew li jkun hemm din ix-xorta ta' sentenzi li parti mhux biss tkun tilfet, izda thossha li ma saritx gustizzja maghha.

**L-AMMONT TA' DANNI KAGUNATI**

Illi aggravju iehor, subordinat ghal dak li nghad aktar qabel u li qed jigi mressaq 'l quddiem sussidjarjament ghall-aggravju principali suespost, jirrigwarda l-ammont li gie kkundannat ihallas l-appellant ghall-hsarat li sofra l-attur, u cioe' s-somma ta' €1,554.86c. Tajjeb jigi rilevat illi l-ispejjez li nkorra l-appellat sabiex sewwa l-hsarat kagunati fuq il-magna kienu dawk indikati minnu a fol 32 u 33 tal-process u cioe' ferm anqas mill-ammont li gie kundannat ihallas l-appellant permezz tad-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar. L-appellat ma gab l-ebda prova oltre` din ir-ricevuta fis-somma ta' LM 62.

Id-domanda tqum allura kif it-Tribunal wasal ghas-somma ta' € 1,554.86c, fil-karenza ta' kull prova ta' danni f'dan l-ammont.

Dan ukoll fid-dawl ta' dak li xehed il-konvenut li l-hsara kagunata tista' tigi rimedjata bil-prezz ta' LM 75, jew l-aktar bis-somma ta' LM 200 kif accettat mill-attur innifsu a fol 30 tal-process – *'ghidtlu li jiena kont dispost naccetta li almenu jaghtini l-cranks u kif ukoll il-bronzini li prattikament flimkien jiswew LM200.'* Anke` l-Perit Tekniku jghid li t-tiswija tal-hsara kagunata ftit timporta problemi.

Ghalhekk anke` hawn jirrizulta li t-Tribunal ghamel konkluzjoni erroneja. Kif wasal ghas-somma ta' €1,554.86c it-Tribunal, bhala li ghandha tithallas mill-konvenut lill-attur. Fuq liema kriterju? Ukoll, interessanti jkun illi fir-risposta tieghu, l-attur jispjega x'ghamel bil-magna mertu tal-kawza.

Ghalhekk l-appellant qed jitlob li dina l-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata tat-13 ta’ Lulju 2011, u dana billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant u tichad it-talba ta’ l-attur appellat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

**Rat** ir-risposta tal-appellat Maurice Sammut fejn gie sottomess:-

Illi l-esponenti ircieva rikors ta’ Appell da parte ta’ Matthew Bajada u qieghed jissottometti s-segwenti.

Illi fl-ewwel lok l-esponenti jissottometti illi s-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata minn din l-Onorabbli Qorti.

Illi fil-mertu mill-bidu hemm konflitt billi l-esponenti jghid li xtara magna gdida waqt li l-appellant ikkonsenja numru ta’ parts. L-ewwel Onorabbli Qorti pero tat ragun lill-esponenti fil-verzjoni tieghu li din il-magna ma kinetx gdida imma wahda rikundizzjonata. Ghalkemm l-appellant ipprova jwaqqa ghac-cajt l-ewwel Onorabbli Qorti meta kkonkluda li l-ewwel Onorabbli Qorti f’ “**Ftit li xejn fehem x’kien qed jigi dibattut u kkontestat f’din il-kawza, lanqas mill-aspett purament legali**” xorta jibqa l-fatt li l-ewwel Onorabbli Qorti emnet lill-esponenti billi anki fil-premessi tieghu spjega li l-magna kellha tkun gdida. Bir-rispett kollu kummenti zejda bhal dawn ma jwasslu mkien. Il-punt jekk kellha tkun magna gdida jew le hija importanti kemm ghall-prezz tal-bejgh kif ukoll li l-appellant kellu obbligu jinforma lill-esponenti x’kien qieghed jigri ezatt u mhux jigi ggannat.

Illi fit-tieni lok huwa fatt maghruf li teknikament il-crank shaft ma jistax jigi iffitjat wara recondition ghax ikollu metal fatigue li ma tippermettiex li tkun reconditioned. Sfortunatament hawn Malta ma jezistix apparat sabiex jigi ttestjat pero’ hija haga li kull espert tekniku jaf illi crank shaft ikollu telf sostanzjali tal-uzu tieghu meta jigi skimmjat ossia undercat. Sabiex jigi spjegat ezatt dak li qieghed jinghad il-crank shaft hija parti mill-magna minn gewwa li jdawwar il-connecting rods li jdawru l-pistons. Meta din il-

crank shafts tigi skimmjat (skimmjat ifisser li din is-shaft tigi ttrimjata biex tigi taqbel mas-shell) dan idajjef is-sahha tal-crank shaft. Ukoll minn jiffittja dan il-part irid ikun preciz hafna fil-fitting tieghu ghax jekk ma jkunx hekk tmur mal-ewwel ghax jigref u jtajjar il-crank shaft bhal ma gara. Ghalhekk l-ewwel Onorabbli Qorti kienet korretta meta ikkonkludiet li kien hemm difetti fil-magna aktar u aktar minhabba l-fatt li l-crank shaft giet imqieghda minn Matthew Bajada li mhuwiex espert fi tqieghed. Il-connecting road ingirfet minhabba li ma tqiegheditx ezatt.

Illi anki ghall-grazzja tal-argument jekk verament is-sealer thallas maz-zejt din mhi ta’ konsegwenza xejn ghax ma ghandhiex effett xejn fuq il-performance tal-magna. Is-sealer qieghed maghmul apposta ghall-magna sabiex ma taghmilx hsara.

Ukoll ghall-grazzja tal-argument l-esponenti hallas is-somma dak iz-zmien ta’ elf Lira Maltin (LM1,000) li hija prezz ta’ magna gdida u mhux prezz ta’ magna reconditioned u dan juri l-intenzjoni tal-esponenti li ried magna gdida ghax jaf il-konsegwenza ta’ magna reconditioned.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-appellat qed jitlob li dina l-Qorti tichad dan l-Appell u tikkonferma is-sentenza appellata bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

**Rat** l-atti l-ohra kolha tal-appell kif ukoll l-atti kif komilati quddiem it-Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar.

**Rat** id-dokumentikollha esibiti.

**Rat** il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Marzu 2012 minn fejn jirrizulta li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat:-**

Dan hu appell minn sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tat-13 ta' Lulju, 2011.

Fir-rikors li ppromuova dawn il-proceduri r-rikorrent appellat talab li l-konvenut appellat jigi kkundannat ihallas bhala danni s-somma ta' elf tlett mija hamsa u tlettin liri maltin (Lm1335) ekwivalenti ghal euro tlett'elef, mija u disgha u wiehed u sebghin centezmu (€3,109.71), rapprezentanti spejjes li l-attur nefaq fuq magna li xtara minnghand il-konvenut liema magna ma kienitx tajba. L-attur appellat kien ippremetta li kien xtara magna tal-bahar 4.3 Mercury Power 205 minghand il-konvenut, bil-patt li din il-magna kienet gdida. Meta l-attur mar biex juzaha rrizulta li kellha diversi difetti u mankanzi u ma kienitx tajba ghall-uzu li nxtrat.

Fir-risposta tieghu l-konvenut eccepixxa li mhux minnu li l-attur xtara magna tal-bahar gdida izda fil-fatt xtara biss partijiet tal-magna Mercruiser 205HP u cioe' *long block, oil pump u gasket set.* Inoltre dawn il-partjiet kienu minghajr ebda difett jew nuqqasijiet ohra.

It-tribunal iddecieda din il-vertenza billi l-ewwel iddikjara lill-konvenut responsabbli talli ma onorax l-obbligu kontrattwali li jforni lill-attur magna gdida u minflok ikkonsenja magna "*reconditioned*" u billi t-tieni ddikjara li l-istess magna kienet gia difettuza fil-hin tal-konsenja u billi t-tielet iddikjara li l-attur ikkontribwixxa ghal hsara eventwali li grat u billi r-raba ddikjara li fil-fehma tieghu li hi bbazata fuq il-konkluzjonijiet peritali, il-partijiet huma responsabbli ghal-hsara li sofra l-attur fi kwoti ugwali u konsegwentement laqa t-talba attrici in parti billi kkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nofs is-sorte u cioe' s-somma ta' sitt mija seba' u sittin liri maltin u hamsin centezmu (Lm667.50) ekwivalenti ghal elf, hames mija u erbgha u hamsin euro u sitta u tmenin centezmu (€1,554.86). It-Tribunal iddecieda ukoll li l-ispejjez tal-kawza kellhom jinqassmu bin-nofs.

Il-konvenut appella minn din is-sentenza. Ghalkemm it-talbiet tar-rikorrenti appellat gew biss akkolti in parte, l-istess rikorrenti appellat ma interponix appell jew appell incidentali mis-sentenza.

L-ewwel aggravju tal-intimat appellanti hu fis-sens li s-sentenza appellata hi bbazata fuq x'inhi n-natura legali tal-obbligu kuntrattwali li sehh bejn il-partijiet meta giet akkwistata l-magna. Skond l-appellant it-Tribunal ma kellux jiddeciedi jekk il-magna in kwestjoni inbieghitx bhala gdida jew “reconditioned” stante li t-talba odjerna hi wahda ghad-danni kagunati in vista tal-fatt li l-attur appellat allega li l-magna ma kienitx tajba ghall-uzu li ghalih inxtrat. Dejjem skond l-appellant kull ma kellu jaghmel it-Tribunal kien li jezamina jekk il-blokka tal-magna mibjugha kienitx difettuza jew le. Ghalhekk, skond l-appellant, il-kwestjoni jekk il-magna kienitx gdida jew le hi ghal kollox irrilevanti,

It-talba tar-rikorrenti appellat hi sabiex il-konvenut appellant jigi kkundannat ihallas id-danni, pero' hemm ukoll talba sabiex l-appellant jigi ddikjarat responsabbli ghall-istess danni u ghalhekk kien necessarju ghat-Tribunal li jistabilixxi n-natura tal-kuntratt li sehh bejn il-partijiet u x'kien l-oggett li gie mibjugh. Kwindi kien necessarju li jigi stabbilit jekk l-attur riedx jakkwista magna gdida jew wahda “reconditioned.” L-attur ma allegax biss li l-magna ma kienitx tajba ghall-uzu li ghalih inxtrat, izda allega ukoll li l-magna giet lilu mibjugha bhala wahda gdida. Tant li l-konvenut irreplika li l-attur kien jaf li qed jixtri magna li kienet regghet giet kondizzjonata. Ghalhekk it-Tribunal kellu mhux biss jezamina jekk kienx hemm difetti fil-haga mibjugha izda kellu jindaga jekk it-talba ghall-akkwist tal-attur appellat u l-offerta tal-intimat appellant kienux ghal magna gdida.

Fis-sentenza appellata gie sottolineat li l-imsemmija talba tal-appellat kienet ibbazata fuq il-fatt li, skond l-attur, l-appellant kien wieghdu li l-magna in kwestjoni kienet wahda gdida. Il-konvenut irribatta li hu kien avza lill-appellat li l-magna kienet reconditioned. Fuq dan il-punt ma kienx hemm qbil u kwindi kien necessarju li jkun hemm decizjoni f'dan ir-rigward, Appuntu ghal din ir-raguni gie nominat perit tekniku, li kkonkluda li l-magna ma kienitx wahda gdida u inoltre kellha xi difetti.

It-Tribunal ikkonsidra ukoll diversi fatturi ohra u cioe' li l-appellant ma kienx konsistenti f'dak li ddepona u li kien irrizulta li l-appellant wara l-bejgh kien offra li jirrimpjazza l-magna mibjugha b'wahda gdida. Din l-offerta pero' qatt ma sehhet. Inoltre lit-Tribunal irrizultalu li xhieda ohra kkontradicew il-versjoni tal-appellant. In vista ta' dan kollu it-Tribunal korrettement ikkonkluda li kien jirrizulta li l-ftehim kien dwar bejgh ta' magna gdida. Inoltre gie riskontrat mill-Perit Tekniku li apparti li l-magna ma kienitx gdida, kien fiha ukoll difetti primarjament ikkagunati minn nuqqas ta' cirkolazzjoni taz-zejt.

In vista ta' da kollu t-Tribunal ikkonkluda li l-konvenut kien responsabbli (in parte) ghad-danni sofferti mill-appellat fil-forma tal-ispejjez li kellu jinkorri l-istess appellat biex isewwi l-imsemmija difetti.

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-esercizzju li ghamel it-Tribunal biex jigi stabblit jekk l-appellat riedx jakkwista magna gdida, kien wiehed li kellu jsir sabiex tigi deciza l-vertenza. Ghalhekk hu zgur li din m'ghandix titqies bhala kwestjoni rrilevanti, kif qed jissuggerixxi l-appellant. It-Tribunal ma llimitax ruhu ghall-fatt li l-magna ma kienitx gdida izda kkonsidra ukoll li l-magna kienet meta giet akkwistata kienet difettuza.

Mhux ezatt l-appellant meta jghid li ma kienx hemm kwestjoni bejn il-partijiet dwar jekk il-magna kienitx gdida jew. Dak li ddecieda t-Tribunal hu li l-appellat ried jakkwista magna gdida u da parti tighu l-apellant assikurah li l-magna kienet appuntu gdida. Sussegwentement instab li kienet "reconditioned." Dan il-fatt hu ukoll indikattiv li l-appellant ried iqarraq bl-appellat li kien behsiebu li kien qed jixtri magna gdida.

In effett l-appellant kien ben konsapevoli, mill-bidu nett, tal-fatt li l-magna kienet giet ri-kondizzjonata, pero' jirrizulta li biejghha bhala gdida. Kwindi kien essenzjali li dan il-fatt jigi stabbilit peress li jindika ukoll il-malafede tal-appellant. Dan il-punt kellu jigi stabbilit appuntu sabiex ukoll tigi stabbilita r-responsabilita' ghad-danni.

Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-appellant li l-appellat ghandu jigi kkonsidrat responsabbli kompletament ghall-hsarat li ssubixxa l-istess appellat. Kif ghamel it-Tribunal, din il-Qorti trid toqod fuq il-konkluzjonijiet li wasal ghalihom il-Perit Tekniku, li kkonkluda li l-magna kienet gia thadmet ghal sighat twal qabel ma giet "rebored u ghalhekk zgur li ma kienitx "ta' kondizzjoni gdida." Kif gia ntqal l-espert ikkonkluda ukoll li l-magna garbet hafna hsarat minhabba li z-zejt ma kienx qed jiccirkola b'mod sew. Inoltre nstab li l-konvenut appellant kien ghamel certi modifikazzjonijiet sabiex certi parts li ma kienux jappatjenu lill-magna setghu jiffittjaw. Ghalhekk kellu jsir "welding" sabiex jitwahlu dawn il-partijiet. Skond l-espert il-frak ta' dan il-welding setgha kien il-kagun tal-imsemmi nuqqas ta cirkolazzjoni. Inoltre l-magna li kienet "re-conditioned" kellha l-ewwel tithaddem barra l-ilma u wara tigi istallata fid-dghajsa. Jirrizulta li dan kollu ma sarx u kien propju l-appellant li kellu jassikura li fil-fatt dan isir.

Ghalhekk it-Tribunal kien korrett meta wasal ghall-konkluzjoniiet tieghu u kwindi dan l-appell jimmerita li jigi rigettat. Kif gia' rilevat ma sar ebda appell kwantu ghal dik il-parti tas-sentenza fejn anke l-appellat instab responsabbli ghal nofs il-hsarat. Kwindi s-sentenza appellata timmerita li tigi konfermata.

Jirrizulta li t-Tribunal wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu principalment fuq il-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet li ghamel u li wasal ghalihom il-Perit Tekniku.

It-tieni aggravju tal-appellant jirrigwarda l-ammont ta' danni li huwa gie kkundannat ihallas. Kif gia rilevat id-danni likwidati huma fil-forma ta' spejjez li ghamel l-appellat biex isewwi l-hsarat fil-magna. L-appellant isostni li l-ammont li huwa gie kkundannat jhallas hu aktar gholi

mill-imsemmija spejjez li effettivament inkorra l-appellat. L-appellant jargumenta li l-unika prova li gab l-appellat, f'dan ir-rigward, hi ricevuta fis-somma ferm inqas minn dak effettivament likwidat mit-Tribunal. Id-danni likwidati jammontaw ghas-somma ta' €1554.86 u cioe' l-ammont li appellat talab fir-rikors promotur. Skond l-appellant l-ebda provi ma twassal ghall-imsemmi ammont.

It-Tribunal ma elaborax dwar din il-kwestjoni. L-appellat pero', f'dan ir-rigward, jissottometti li l-ammont rikjest u li gie likwidat jirrifletti l-prezz biex effettivament inxtrat magna gdida mentri fil-fatt jidher mir-rapport tal-Perit Tekniku li d-difetti setghu ssewwew. Jidher ukoll li l-process sabiex isiru t-tisswijiet mhux xi wiehed komplikat. Ghalhekk it-Tribunal ma kellux jillikwida l-ammont shih li gie mitlub. Tenut kont ta' dan kollu u in vista tal-fatt li l-appellat gie mwieghed li kien ser jakkwista magna gdida, d-danni ser jigu likwidati "arbitrio boni viri" minn din il-Qorti. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti d-danni ghanhom jigu kalkolati fuq hamsa u seghin fil-mija (75%) tal-ammont likwidat mit-Tribunal. Ghalhekk id-danni li ghandu jhallas l-appellant jammontaw ghal nofs tas-somma ta' €1166.14 u cioe' €583,07.

In vista ta' dak kollu premess is-sentenza tisthoqq li tigi riformata biss kwantu ghall-ammont ta' danni li l-appellant gie kkundannat ihallas. Il-kumplament tas-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkundanna lill-appellant ihallas lill-appellat is-somma ta' €583,07. u cioe' nofs is-somma ta' €1166.14 li tirrappresenta l-ammont ta' danni li sofra l-appellat. Tikkonferma l-kumplament tas-sentenza appellata cioe' dik tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tat-13 ta' Lulju, 2011.

L-ispejjez kollha ta' dan l-appell jithallsu bin-nofs mill-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------